MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1159/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta’ Ottubru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibli, u dan ghar-ragunijiet diga migjuba quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li b’digriet tas-27 ta’ Settembru 2002 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni, kopja ta’ liema digriet qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument “A”;

Illi dawn ir-ragunijiet huma seviz, ingurji gravi, theddid u vjolenza kommessa mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur kif ukoll minhabba inkompatibilita`;

Illi miz-zwieg tal-kontendenti twieldu tlett itfal bl-isem ta' Charlene, Lindsay u Mandy, u li minnhom Mandy biss ghadha minorenni;

Illi l-attur talab li l-konvenuta tghid ghala din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilha, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attur u nofs lill-konvenuta b'dan ghalhekk illi ghandu jigi ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali u li r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-kontendenti;

3. Tikkomina kontra l-istess konvenuta il-provvedimenti tal-**artikoli 48 u 50 sa 55** tal-Kodici Civili.

4. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Mandy f'idejn il-missier u fin-nuqqas takkordalu accss adegwat ghall-istess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 9 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attur fit-22 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' sittin (60) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollha wkoll l-istess terminu sabiex hija wkoll tipprezenta l-affidavits taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-11 ta’ Dicembru 2002 a fol.  17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenuta ma topponix ghas-separazzjoni personali izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attur peress illi z-zwieg taghha ma’ l-attur tkisser irrimedjabbilment minhabba eccessi, vjolenza fisika u morali, sevizzi u ngurji gravi u dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istess attur jaqla’ l-kwistjonijiet ma’ uliedu stess, kif ukoll jipprovoka persistentement lill-attrici u juri ndifferenza kbira fil-konfront tal-familja b’mod generali ghaliex lanqas jikkontribwixxi xejn ghall-hajja tal-familja, kif ukoll ghall-pagamenti tal-kontijiet billi huwa ma jahdimx u ghandu vizzju ikrah tax-xorb.

2. Illi fir-rigward tal-kura u l-kustodja ta’ binthom, l-eccipjenti tesigi illi hija jkollha l-kura u l-kustodja assoluta tal-minuri Mandy hekk kif ordnat is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u *stante* illi hija biss qieghdha f’posizzjoni illi zzomm l-istess bintha hekk kif lesta tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

3. Illi l-eccipjenti lanqas ma qieghda topponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f’zewg porzjonijiet.  Illi l-attur bhala hati tal-firda matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli relattivi tal-**Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta’ Malta, *inter alia*, l-**Artikolu 48** tal-istess Kapitolu.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 18 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonata B** tal-11 ta’ Dicembru 2002 fol 18 tal-process fejn premettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Gunju, 1981.

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, ingurji u theddid *da parti* tal-attur-rikonvenzjonat fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanti u dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istess attur-rikonvenzjonat jaqlgha l-kwistjonijiet ma' uliedu stess, kif ukoll jipprovoka persistentement lill-konvenuta-rikonvenzjonanti u juri indifferenza kbira fil-konfront tal-familja b'mod generali ghaliex lanqas jikkontribwixxi xejn ghall-hajja tal-familla, kif ukoll ghall-pagamenti tal-kontijiet billi huwa ma jahdimx u ghandu l-vizzju ikrah tax-xorb.

Illi miz-zwieg twieldu tlett itfal bl-isem ta' Charlene, Lindsay u Mandy u li minhom Mandy biss ghadha minorenni.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bin-Numru 1678/02 sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali.

Illi l-istess konvenuta rikonvenzjonata talbet li l-attur rikonvenzjonat jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

(2) Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tifla minuri hawn fuq imsemmija lill-konvenuta rikonvenzjonanti;

(3) Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifla minuri taghha.

(4) tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

(5) Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nommand.

(6) Tordna l-izgombrament tal-attur-rikonvenzjonat mid-dar matrimonjali u cioe' mill-fond bin-numru 81, Triq Guze' D'Amato, Tarxien.

(7) Tordna illi d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata bhala r-residenza personali tal-konvenuta-rikonvenzjonanti li fiha jabitaw ukoll it-tlett uliedha u dan fl-ahjar interess tal-gustizzja u fl-interess suprem tal-istess minuri.

(8) Tapplika l-**artikolu 48 tal-Kapitolu 16** tal-ligijiet ta' Malta *stante* huwa l-attur rikonvenzjonat li huwa unikament hati tal-firda minn mal-konvenuta konvenzjonanti u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta' l-imsemmi artikolu fil-konfront ta' l-istess attur-rikonvenzjonat.

(9) Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni *stante* illi l-attrici m'ghandha tbati l-ebda forma ta' spejjez *stante* illi l-firda ma kienitx it-tort taghha izda tort unikament tal-attur rikonvenzjonat.

Bl-spejjez kontra l-attur rikonvenzjonat u l-istess attur-rikonvenzjonat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta rikonvenzjonata u l-lista tax-xhieda a fol 21 u 22.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat tal-20 ta’ Dicembru 2002 a fol 24 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-attur rikonvenzjonat jaqbel illi ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan kif gie anke mitlub mill-attur fic-citazzjoni.

2. Illi t-talbiet l-ohra huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan *stante* illi hija l-konvenuta unikament hatja tat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti.

3. Illi l-konvenuta m'ghandiex dritt tircievi l-manteniment minn ghand zewgha *stante* illi hija tahdem u inoltre anke l-minuri Mandy ta' sittax-il sena tahdem u ghalhekk illum qieghda tmantni lilha nnifisha. Oltre dan l-attur rikonvenzjonat jircievi pensjoni tad-dizabilita` u ghalhekk ma huwiex f'posizzjoni finanzjarja joffri manteniment.

4. Illi d-dar matrimonjali hija proprjeta tal-kontendenti u l-attur rikonvenzjonat m'ghandux residenza alternattiva u ghalhekk huwa mportanti illi d-dar tinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet bhal kumplament tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat a fol 25 u 26 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 2003 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-unika problema li fadal hi d-dar matrimonjali u jiddikjaraw li l-minuri qed tahdem. L-unika disgwid li hemm hija d-dar matrimonjali fejn l-attrici tippretendi li tghid fl-istess dar. Il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavits attrici dwar ir-responsabbilita` u dak fuq indikat fi zmien 40 jum mill-lum. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' 40 jum min-notifika. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lill-Dr Kenneth Gulia u ordnatlu li jzomm zewg seduti fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit u l-provi tal-partijiet qed jigu minn issa dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-28 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-attur **A** tat-12 ta’ Awissu 2003 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess flimkien ma numru ta’ dokumenti (fol 31 sa 49).

Rat in-nota tal-konvenuta ta’ **B** tat-28 ta’ Awissu 2003 fejn esebiet l-affidavit taghha stess u xi dokumenti, Dok “MB1” fol 51; ta’ **Mandy Brincat**, Dok “MB2” a fol 68; ta’ **Liza Brincat**, Dok “MB3” a fol 71; u ta’ **Charlene Brincat** Dok “MB4” a fol 73.

Rat il-verbali tat-3 t’Ottubru 2003 u tal-15 t’Ottubru quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-noti tal-Assistent Gudizzjarju u d-dokumenti esebiti (fol 82 sa 89).

Rat il-verbal tat-28 ta’ Ottubru 2003 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li f’zewg seduti li huma ffisati f’Novembru ghandhom jaghlqu l-provi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-8 ta’ Jannar 2004.

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta’ Novembru 2003 u tal-11 ta’ Frar 2004 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Frar 2004 fejn il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Mejju ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduti tal-25 ta’ Marzu 2004 u tas-7 ta’ Mejju 2004 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Mejju 2004 quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn Dr Edwina Grima ghall-attrici ddikjarat li m’ghandiex provi aktar x’tipproduci.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti ordnat li ssir l-ahhar seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju fid-9 ta’ Lulju 2004 u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Lulju 2004 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbali tal-21 ta’ Ottubru 2004 u tal-1 ta’ Marzu 2005 fejn il-partijiet iddikjaraw li t-tfal illum huma maggiorenni. Il-konvenuta tahdem u l-attur hu *boarded out* u mhux qed jitlob manteniment. Fil-kawza baqa’ d-dar u l-mobbli, pero` l-attur mhux jinsisti fuq il-mobbli. Id-dar matrimonjali nxtrat qabel iz-zwieg mill-attur. Il-konvenuta qed tghid li kienet harget elf lira Maltin (Lm1,000). Stima tal-post giet ezebita mill-attur. Dr Edward Zammit Lewis msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Dr Edwina Grima talbet li taghmel nota, il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta’ 30 gurnata bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollhom 30 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta’ Gunju 2005.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2005 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tal-1 ta’ Marzu 2005. Dr Edward Zammit Lewis qed jikkonferma li l-mara qed titlob li tirrisjedi fid-dar matrimonjali esklussivament flimkien mat-tlett itfal maggorenni. Dr Joseph Brincat qed jopponi ghad-dritt ta’ abitazzjoni ghax l-erba’ membri tal-familja kollha jahdmu u l-attur qieghed barra. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett’ ostacolo* ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta tas-26 ta’ Settembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attur qed jallega li l-hajja mizzewga m’ghadhiex aktar possibbli minhabba

sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza kommessi mill-konvenuta fil-konfront tieghu, u b'hekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort ta' l-istess konvenuta. Illi l-konvenuta min-naha taghha cahdet l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront taghha w tallega li l-istess separazzjoni sehhet kawza ta' sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza morali kommessa mill-attur fil-konfront taghha u ta' uliedha u f'dan is-sens fethet proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u wkoll pprezentat kontro-talba datata 11 ta' Dicembru 2002 kif gja fuq indikat.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha prodotti u mill-istess din il-Qorti thoss li gie ampjament ippruvat li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha fejn hija tghid li hija kienet soggetta ghall- *"mohqrija, sevizzi gravi, ingurji u theddid da parti tal-attur-rikonvenzjonat fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanti u dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istess attur-rikonvenzjonat jaqlgha l-kwistjonijiet ma' wliedu stess, kif ukoll jipprovoka persistentement lill-konventa-rikonvenzjonanti u juri indifferenza kbira fil-konfront tal-familja b'mod generali ghaliex lanqas jikkontribwixxi xejn ghall-hajja tal-familla, kif ukoll ghall-pagamenti tal-kontijiet billi huwa ma jahdimx u ghandu l-vizzju ikrah tax-xorb"* gew sostanzjalment ippruvat u fil-fatt ix-xhieda kollha tal-konvenuta hija kkoroborata bl-iktar mod car minn ulied l-istess kontendenti li llum huma kollha maggorenni, u cjoe' ix-xhieda ta' Mandy Brincat, Liza Brincat, u Charlene Brincat, li kollha kemm huma rrakontaw sensiela ta' incidenti fejn l-attur ghamel minn kollox biex jghajjar u jimmulja lill-martu u lill-uliedu u l-inkwiet kollu li din il-familja kellha tghaddi minnu, principarjament minhabba l-problema ta' xorb eccessiv li l-attur jidher li kellu; huwa veru li l-istess attur marad ukoll, u l-familja kellha tghaddi minn problemi minhabba din id-dizgrazzja, pero` jidher li anke f'dawn iz-zminijiet l-istess attur baqa' bil-vizzju tax-xorb; mhux hekk biss izda hemm diversi rakkonti fejn l-istess l-attur kien jhedded lil uliedu stess u kien hemm bzonn mhux ghal darba l-intervent tal-Pulizja; hawn ovvjament din il-Qorti tirreferi ghall-affidavits rispettivi ta' ulied il-kontendenti tal-25 ta' Awissu 2003, liema xhieda

tikkorobora fid-dettal diversi incidenti u l-hajja li rrakontat il-konvenuta, u li kellha tghaddi minnha flimkien ma' uliedha ghal dan iz-zmien kollu.

Illi huwa rilevanti wkoll li jinghad li wara li sehhew il-proceduri ghall-awtorizzazzjoni ta' separazzjoni mibdija mill-konvenuta b'rikors appositu fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 12 ta' Lulju 2002, l-istess Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim'Imhallef Vincent De Gaetano, l-konxja *inter alia* ta' din il-vjolenza morali ezercitata mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u wlieda kienet ordnat li *"pendente lite, fid-dar matrimonjali 81, Triq Guze' D'Amato, Tarxien tghix ir-rikorrenti* (l-konvenuta) *u bintha Mandy u/jew ulied ohra ad eskussjoni tal-intimat A li qed jinghata gimgha zmien mill-lum sabiex jivvaka mill-post 'de quo' ".*

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta akkuzat lill-attur b'diversi atti ta' vjolenza morali fil-konfront taghha, b'theddid, sevizzi, w ingurji gravi u ghalkemm jidher li l-attur innega dan kollu, pero` din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-versjoni tal-konvenuta hija hafna iktar verosimili minn dik ta' l-attur, u tali verosimiljanza hija forma ohra ta' korroborazzjoni; dan apparti li l-istess xhieda tal-konvenuta hija kkorroborata kemm minn diversi dokumenti esebiti minnha nkuz dak esebit bhala Dok. "EZL 3" li juri li l-istess attur huwa *"a known alcohol abuser. Client is somewhat intoxicated….."* u diversi dokumenti ohra annessi ma' l-istess affidavit attrici li jikkonfermaw l-istess, hemm kif inghad ukoll ix-xhieda ta' uliedu stess li jikkonfermaw l-inkwiet kbir li l-istess familja kellha tghaddi minnu minhabba l-istess vjolenza domestika w abbuzi prattiki mill-attur fuq il-konvenuta u fuq uliedu anke maggorenni, u jidher li din l-istil ta' hajja waqfet biss meta l-konvenut kien kostrett b'ordni proprizja tal-Qorti li jizgombra minn dik li kienet dak iz-zmien id-dar konjugali.

Illi huwa veru li l-attur fix-xhieda tieghu ma jammettix dan, izda dan kollu f'ghajnejn din il-Qorti jkompli jaggrava s-

sitwazzjoni, ghaliex jidher li din hija r-raguni ghaliex l-istess attur qatt ma ammetta mieghu nnifsu li huwa kellu problema kbira ta’ xorb, problema li mhux biss ikkontribwiet fil-marda tieghu, izda li litteralment kisret familja; huwa jallega li l-ulied kienu influwenzati minn ommhom u ghalhekk xehdu kontra tieghu – hawn pero` mhux qed nitkellmu fuq tfal izda fuq nisa li mir-rakkont taghhom din il-Qorti konvinta li rrakontaw l-esperjenzi taghhom u il-mod xi drabi degredanti w umiljanti li gew trattati bih mill-istess attur u din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-istess xhieda ma ghandhiex dubju li ghandha taghti affidabilita` lill-versjoni

Illi apparti dan kollu, inkluz il-verosimiljanza tax-xhieda ta’ l-konvenuta, u l-korroborazzjoni ta’ l-istess kemm minn dokumenti esebiti u kemm mix-xhieda ta’ ulied maggorenni ta’ l-istess kontendenti din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-konvenuta fl-affidavit taghha datat 25 ta’ Marzu 2003 u dan sabiex wiehed jifhem u forsi japprezza minn x’hiex ghaddiet din il-mara u l-familja taghha minhabba l-vizzju ta’ l-attur tax-xorb, kif ta’ kuljum kienet suggetta ghall-umiljazzjoni u degredazzjoni u kif kellha toqghod flimkien ma’ wliedha ghal din il-vjolenza domestika morali; mhux hekk biss izda dan ghamlitu kollu meta hija baqghet tiehu hsieb il-familja taghha u minhabba li l-attur marad hija kienet kostretta, kif ghadha sallum tahdem u mantniet mhux biss lill-familja taghha izda wkoll halset xi dejn li l-attur kellu mal-bank fuq in-negozju li kellu, u dan anke ghaliex l-attur ma baqghax ihallas il-pagamenti kollha lanqas mill-ammonti li kien qed jircievi mill-pensjoni ta’ invalidita` li huwa kien intitolat ghaliha; dan apparti li l-konvenuta tallega li l-istess ha Lm2,000 li kienet gemmghat u li l-attur kien jiehu l-flus u jzommhom ghand ommu. Illi minkejja li l-istess attur marad u minkejja li kien sfortunat ukoll li kellu jghaddi minn interventi medici u kien konsiljat lilu sabiex jaqta’ mix-xorb, huwa xorta wahda, w allura lanqas ghal gid tieghu ma’ ghamel dan, bil-konsegwenza li mhux biss jahasra sofra huwa stess, izda gieghel lill-familja tieghu tghaddi minn dan il-martirju kollu minhabba dan l-abbuz ta’ alkohol, u diversi drabi l-konvenuta kellha tirrikorri ghall-assistenza tal-Pulizija kif hija stess tixhed a fol. 55

tal-process. Dan huwa iktar gravi meta l-istess attur, kif inghad, irrifjuta kull ghajnuna sabiex ikun jista’ jikkombatti dan il-vizzju sabiex wassal lilu u lill-familja tieghu ghal din il-mizerja ta’ hajja – veru storja ohra ta’ biki u sofferenzi li din il-Qorti sfortunatament ikollha ghal darba ohra tara fil-kawzi ta’ quddiemha – storja ohra ma’ hafna ohrajn li waslu lill-Parlament Malti sabiex jiehdu provedimenti iktar serji fir-rigward ta’ kull forma ta’ vjolenza domestika – li sfortunatament hija hafna iktar imxerda milli wiehed jista’ jahseb u dan huwa proprju kaz minnhom.

Illi apparti dan ma hemm l-ebda dubju li ghal snin shah kienet l-istess konvenuta li mantniet lill-familja taghha u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li s-separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet giet provokata esklussivament minhabba l-agir ta’ l-attur kif premess mill-attrici b’dan li f’dan is-sens l-istess attur ghandu jinzamm responsabbli ghall-firda personali ta’ bejn il-partijiet.

Illi fuq l-istess binarju u ghall-istess ragunijiet din il-Qorti thoss li ghandha tikkonferma d-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fis-sens li ghandha tkun l-attrici li ghandu jkollha dritt esklussiv li tghix fid-dar matrimonjali 81, Triq Guze D’Amato, Tarxien u dan ad esklussjoni tal-konvenut u f’dan is-sens din il-Qorti qed tilqa’ sa fejn applikabbli s-sitt talba u s-seba’ talba attrici anke abbazi ta’ dak li jipprovdi l-**artikolu 55A tal-Kap 16.** Dan ghaliex kien l-attur li ta lok ghall-firda personali u wkoll mhux sewwa li l-konvenuta tigi kostretta tbati l-konsegwenzi ta’ dawn l-atti kollha abbusivi ta’ l-attur.

Illi dwar l-istess imsemmija dar jidher li ghalkemm din inxtrat qabel iz-zwieg fuq isem l-attur b’kuntratt datat l-31 ta’ Jannar 1980 fl-atti tan-Nutar Frank Xavier Dingli, u l-attur hareg is-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) u l-konvenuta harget is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) l-istess dar kienet dejjem intenzjonata li kellha sservi bhala d-dar konjugali kif fil-fatt serviet u fi kwalunkwe kaz abbazi tal-fatt li kienet il-konvenuta li ghal snin twal provdiet ghall-manteniment tal-familja kollha, u fil-fatt rari giet mantnuta mill-attur, li sallum mhux f’posizzjoni li jmanti lill-konvenuta, u minhabba dak kollu premess u bl-

applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 inkluz is-sub-artikolu (1) (c) tal-Kap 16 u l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** li l-konvenuta ghandha tigi assenjata il-prozjoni ta' nofs indiviz mill-fond 81, Triq Guze D'Amato, Tarxien u dan *per saldo* kemm ghad-dritt ta' manteniment li kien lilha dovut mill-attur, u wkoll ta' kull nuqqas ta' manteniment mill-attur lil uliedu, li kellha taghmel tajjeb ghalih l-konvenuta u wkoll in sodisfazzjoni ta' kull kreditu parafernali taghha favur l-attur, b'dan ghalhekk li b'effett ta' din is-sentenza l-istess immobbli jkun proprjeta` komuni ta' l-attur u l-konvenuta, b'dan ghalhekk li din il-Qorti tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jippubbika kuntratt appositu sabiex porzjoni ta' nofs indiviz ta' l-istess fond jigi trasferit minn fuq isem l-attur ghal fuq isem il-konvenuta, b'dan ghalhekk li b'effett ta' din is-sentenza l-istess fond ikun jappertjeni bhala prozjoni ta' nofs indiviza lill-attur u porzjoni ta' nofs indiviz lill-konvenuta, bi dritt ta' residenza esklussiva ta' l-istess fond favur il-konvenuta, b'dan ukoll li l-mobbli kollha fl-istess fond qed jigu assenjati lill-konvenuta u kull dejn gravanti l-istess fond jigi mhallas bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan pero` li s-servizzi ta' dawl, ilma u telefon li bih huwa adebit l-istess fond jigu mhallsa mill-konvenuta mill-perjodu li hija ghexet esklussivament fl-istess fond minhabba l-izgumbrament ta' l-attur.

Mill-bqija kull parti ghandha zzomm l-effetti mobbli nkluzi vetturi li jinsabu fil-pussess effettiv ta' l-istess parti rispettivament.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tastejni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici *stante* li llum ulied il-kontendenti huma maggorenni u fil-waqt li tichad it-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-attur stess u dan minhabba li l-istess attur kien hati versu l-attrici w uliedha ta' sevizzi, ngurji gravi, theddid u vjolenza morali li kawza ta' l-istess il-hajja bejn il-kontendenti saret impoossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet b'effett mit-12 ta' Lulju 2002 u tipprovdi ghall-likwidazzjoni ta' l-istess u ta' kull oggett parafernali fis-sens kif fuq indikat b'din is-sentenza u ghar-ragunijiet fuq indikati u bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 inkluz is-sub-artikolu (1) (c) tal-Kap 16 u l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** din il-Qorti tordna li l-konvenuta tigi assenjata l-porzjoni ta' nofs indiviz mill-fond 81, Triq Guze D'Amato, Tarxien u dan *per saldo* kemm ghad-dritt ta' manteniment li kien lilha dovut mill-attur, u wkoll ta' kull nuqqas ta' manteniment mill-attur lill-uliedu, li kellha taghmel tajjeb ghalih il-konvenuta u wkoll in sodisfazzjoni ta' kull kreditu parafernali taghha favur l-attur, b'dan ghalhekk li b'effett ta' din is-sentenza l-istess immobbli jkunu proprjeta` komuni ta' l-attur u l-konvenuta, b'dan ghalhekk li din il-Qorti tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jippubblika kuntratt appositu sabiex porzjoni ta' nofs indiviz ta' l-istess fond jigi trasferit minn fuq isem l-attur ghal fuq isem il-konvenuta, b'dan ghalhekk li b'effett ta' din is-sentenza l-istess fond ikun jappartjeni bhala prozjoni ta' nofs indiviza lill-attur u porzjoni ta' nofs indiviz lill-konvenuta, bi dritt ta' residenza esklussiva ta' l-istess fond favur il-konvenuta, b'dan ukoll li l-mobbli kollha fl-istess fond qed jigu assenjati lill-konvenuta u kull dejn gravanti l-istess fond jigi mhallas bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan pero` li s-servizzi ta' dawl, ilma u telefon li bih huwa adebit l-istess fond jigu mhallsa mill-konvenuta mill-perjodu li hija ghexet esklussivament fl-istess fond minhabba l-izgumbrament ta' l-attur. Din il-Qorti ghal dan l-iskop tinnomina lil Dr. Joseph Sammut sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att u wkoll tiffissa d-data ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att ghad-19 ta' Dicembru 2005 fil-11.00.a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, l-Belt Valletta.

Mill-bqija kull parti ghandha zzomm l-effetti mobbli nkluzi vetturi li jinsabu fil-pussess effettiv ta' l-istess parti rispettivament.

3. Tichad din it-talba.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex ulied il-kontendenti huma llum maggorenni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba** din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-attur fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu ghall-istess kontro-talba tal-konvenuta u dan inkwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lil attur stess u dan minhabba li l-istess attur kien hati versu l-attrici w uliedha ta' sevizzi, ngurji gravi, theddid u vjolenza morali li kawza ta' l-istess il-hajja bejn il-kontendenti saret impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba ghaliex l-ulied huma maggorenni.

3. Tipprovdi dwar din it-talba fis-sens li tali talba qed tigi milqugha fil-kuntest ta' dak li hemm provdut f'din id-decizjoni *in vista* tar-raba' talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha b'dan li d-dritt taghha ta' manteniment ser jigi saldat b'dak il-mod hekk provdut.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet b'effett mit-12 ta' Lulju 2002 u tipprovdi ghall-likwidazzjoni ta' l-istess u ta' kull oggett parafernali fis-sens kif fuq indikat b'din is-sentenza u ghar-ragunijiet fuq indikati u bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 inkluz is-sub-artikolu (1) (c) tal-Kap 16 u l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** din il-Qorti tordna li l-konvenuta tigi assenjata l-

porzjoni ta’ nofs indiviz mill-fond 81, Triq Guze D’Amato, Tarxien u dan *per saldo* kemm ghad-dritt ta’ manteniment li kien lilha dovut mill-attur, u wkoll ta’ kull nuqqas ta’ manteniment mill-attur lill-uliedu, li kellha taghmel tajjeb ghalih il-konvenuta u wkoll in sodisfazzjoni ta’ kull kreditu parafernali taghha favur l-attur, b’dan ghalhekk li b’effett ta’ din is-sentenza l-istess immobbli jkunu proprjeta` komuni ta’ l-attur u l-konvenuta, b’dan ghalhekk li din il-Qorti tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jippubblika kuntratt appositu sabiex porzjoni ta’ nofs indiviz ta’ l-istess fond jigi trasferit minn fuq isem l-attur ghal fuq isem il-konvenuta, b’dan ghalhekk li b’effett ta’ din is-sentenza l-istess fond ikun jappartjeni bhala prozjoni ta’ nofs indiviza lill-attur u porzjoni ta’ nofs indiviz lill-konvenuta, bi dritt ta’ residenza esklussiva ta’ l-istess fond favur il-konvenuta, b’dan ukoll li l-mobbli kollha fl-istess fond qed jigu assenjati lill-konvenuta u kull dejn gravanti l-istess fond jigi mhallas bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan pero` li s-servizzi ta’ dawl, ilma u telefon li bih huwa adebit l-istess fond jigu mhallsa mill-konvenuta mill-perjodu li hija ghexet esklussivament fl-istess fond minhabba l-izgumbrament ta’ l-attur. Din il-Qorti ghal dan l-iskop tinnomina lil Dr. Joseph Sammut sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att u wkoll tiffissa d-data ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess att ghad-19 ta’ Dicembru 2005 fil-11.00.a.m. f’wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, l-Belt Valletta.

Mill-bqija kull parti ghandha zzomm l-effetti mobbli nkluzi vetturi li jinsabu fil-pussess effettiv ta’ l-istess parti rispettivament.

5. Tipprovdi ghal din it-talba fis-sens li din il-Qorti pprovdiet ghall-istess konsegwenti ghar-raba’ talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha.

6. Tilqa’ din it-talba fis-sens li tikkonferma l-ordni tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u wkoll taghti lill-konvenuta d-dritt li tghix esklussivament fil-fond 81, Triq Guze' D'Amato, Tarxien bl-esklussjoni tal-konvenut skond id-disposizzjoni ta’ l-**artikolu 55A tal-Kap 16.**

7. Tilqa’ t-taba fis-sens indikat fis-sitt talba tal-konvenuta b’dan li l-konvenuta hija libera li thalli li jabitaw fl-istess dar lil uliedha li llum huma maggorenni.

8. Tapplika l-**artikolu 48 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta fit-totalita` tieghu kontra l-attur.

9. Tikkundanna lill-attur-rikonvenzjonat ihallas l-ispejjez ukoll tal-kontro-talba u kif inghad gja tac-citazzjoni attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------